PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għas-Sajd*

**2012/2092(BUD)**

17.7.2012

# EMENDI
# 1 - 2

**Abbozz ta' opinjoni**
**Crescenzio Rivellini**
(PE492.574v01-00)

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 – it-taqsimiet kollha
(2012/2092(BUD))



*Magħquda fid-diversità*

**Emenda 1**
**Isabelle Thomas**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Taqsima 1 – paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jitlob l-approprjazzjonijiet ta' impenn totali jinżammu skont il-livelli tal-baġit tal-2012, sabiex tkun ippreservata s-sostenibilità tal-proġetti fis-settur mniedi mill-Kummissjoni u sabiex fl-istess ħin, ikun ikkontrollat l-infiq fil-kuntest ***tal-awsterità baġitarja***; | 4. Jitlob l-approprjazzjonijiet ta' impenn totali jinżammu skont il-livelli tal-baġit tal-2012, sabiex tkun ippreservata s-sostenibilità tal-proġetti fis-settur mniedi mill-Kummissjoni u sabiex fl-istess ħin, ikun ikkontrollat l-infiq fil-kuntest ***tal-konsolidament baġitarju***; ***huwa tal-opinjoni li anke jekk l-iffriżar tal-approprjazzjonijiet ta' impenn jista' jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni u mill-Istati membri bħala soluzzjoni parzjali għall-problema tar-RALs, ma jistax jitqies bħala strateġija aċċettabbli biex il-livell tar-RALs jinżamm taħt kontroll;*** |

Or. fr

**Emenda 2**
**Isabelle Thomas**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Taqsima 1 – paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jiddeplora t-tnaqqis ta' aktar minn 10% fl-approprjazzjonijet għall-kapitolu dwar is-swieq tas-sajd (11.02) u ***jinnota*** li dan it-tnaqqis hu motivat ***mir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit 2011 u*** mill-kuntest ekonomiku attwali; | 7. Jiddeplora t-tnaqqis ta' aktar minn 10% fl-approprjazzjonijet għall-kapitolu dwar is-swieq tas-sajd (11.02) u ***jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt*** li dan it-tnaqqis hu motivat mill-kuntest ekonomiku attwali; ***jenfasizza li r-rati ta' implimentazzjoni tal-2011 jistgħu jkunu marbutin mad-diffikultajiet ta' kofinanzjament jew mal-inadegwatezza bejn il-kriterji ta' eliġibilità u l-bżonnijiet tal-professjonisti f'mument partikolari fi swieq imprevedibbli.*** |

Or. fr